

**Brussell, 3 ta' Ottubru 2022  
(OR. en)**

**12997/1/22  
REV 1**

**SOC 533  
EMPL 365  
ECOFIN 942  
EDUC 333**

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Suġġett:	Sfidi Soċjali Ewlenin: Messaġġi ewlenin mill-KPS fuq il-bażi tar-Rieżami Annwali tal-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Protezzjoni Soċjali - Approvazzjoni

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-messaġġi ewlenin mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali fuq il-bażi tar-Rieżami Annwali tal-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Protezzjoni Soċjali (MPPS) u l-iżviluppi fil-politiki tal-protezzjoni soċjali, bil-ħsieb tal-approvazzjoni tagħhom mill-Kunsill fis-17 ta' Ottubru 2022.

Ir-Rapport sħiħ jinsab fid-dokument 12997/22 ADD 1.

Il-Profilu tal-Pajjiżi tal-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Protezzjoni Soċjali (MPPS) annessi ma' dan ir-rapport jinsabu fid-dokumenti 12997/22 ADD 2-4.

*Messaġġi ewlenin mill-Kumitat tal-Protezzjoni*

*Soċjali*

*Rapport Annwali 2022*

*Rieżami tal-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Protezzjoni Soċjali*

*(MPPS) u l-iżviluppi fil-politiki tal-protezzjoni soċjali*

- Il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS) wettaq il-mandat tiegħu kif stipulat fl-Artikolu 160 TFUE u pproduċa għall-Kunsill ir-rieżami annwali tiegħu tas-sitwazzjoni soċjali fl-UE u l-iżviluppi tal-politika fl-Istati Membri**, fuq il-bażi tal-aktar data u informazzjoni reċenti disponibbli. Fuq din il-bażi, il-KPS jenfasizza s-sejbiet u l-prijoritajiet komuni li ġejjin, li għandhom jiggwidaw il-ħidma ta' tħejji għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2023.
- Fl-2021, l-Istati Membri tal-UE reġgħu kisbu tkabbir**. Is-sitwazzjoni sanitarja li qed titjeb, kif ukoll l-azzjonijiet ikkoordinati fil-livelli tal-UE u nazzjonali biex jittaffa l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 għenu lill-ekonomija tal-UE terġa' lura għal-livell ta' produzzjoni tagħha ta' qabel il-pandemija fil-ħarifa tal-2021. Il-qgħad naqas mill-ogħla livell waqt il-pandemija ta' 7.8 % lejn tmiem l-2020 għal 6.0 % f'nofs l-2022. L-introjti reali tal-unitajiet domestiċi wkoll tjiebu fl-2021.
- Fl-2022, il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna ħolqot ambjent ekonomiku u ġeopolitiku ġdid**. Iż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija u tal-komoditajiet, l-interruzzjonijiet fil-provvista u ż-żieda fl-inċertezza li rriżultaw jheddu l-irkupru tal-Ewropa wara l-pandemija u jikkontribwixxu għad-deterjorament tal-klima soċjali u ekonomika. Il-prezzijiet għoljin tal-enerġija, l-inflazzjoni li qed tiżdied, u l-għoli tal-ħajja ġenerali elevat jistgħu jwasslu lil ħafna unitajiet domestiċi għal sitwazzjoni ekonomika prekarja, speċjalment familji b'introjtu aktar baxx li jonfqu parti ikbar mill-introjtu tagħhom fuq l-enerġija u l-ikel, u b'hekk ireġġgħu lura l-progress li sar f'dawn l-aħħar snin fit-tnaqqis tal-qgħad, il-faqar u l-inugwaljanza f'ħafna pajjiżi.
- Il-gwerra wasslet ukoll għal kriżi umanitarja enormi, b'aktar minn 12-il miljun Ukren u Ukrena jaħarbu minn pajjiżhom mill-bidu tal-konflitt**. L-influss ta' refuġjati fl-Ewropa qed jagħmel pressjoni fuq il-kapaċità ta' għadd ta' pajjiżi tal-UE li jassorbu u jipprovdu protezzjoni lil dawk li qed jaħarbu mill-gwerra u qed iqiegħed piż kbir fuq is-sistemi tal-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali madwar l-Ewropa kollha.

5. **Qabel l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, setgħu jiġu osservati żviluppi ġeneralment pożittivi fis-sitwazzjoni soċjali, bil-biċċa l-kbira tal-indikaturi tal-MPPS għall-2021 jindikaw prinċipalment bidliet pożittivi madwar l-Istati Membri, li jirriflettu l-impatt tal-irkupru u l-kontribut tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali, b'mod partikolari:**

- **tnaqqis fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali** f'aktar minn terz tal-Istati Membri, li jirrifletti b'mod partikolari tnaqqis fil-**privazzjoni materjali u soċjali severa** f'ħafna pajjiżi, iżda bi **żviluppi aktar imħallta** b'rabta mar-rata ta' riskju ta' faqar u s-sehem tal-popolazzjoni li tgħix f'unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjeg;
- **tnaqqis sinifikanti fil-gravità tal-faqar** għall-popolazzjoni ġenerali f'madwar terz tal-Istati Membri, flimkien ma' **tnaqqis fil-persistenza tal-faqar** f'nofs il-pajjiżi, li parzjalment jirrifletti **żidiet fl-impatt tat-trasferimenti soċjali** f'terz tal-Istati Membri;
- **is-sitwazzjoni tat-tfal ġeneralment tjiebet** f'ħafna Stati Membri, kif rifless minn tnaqqis fir-riskju tagħhom ta' faqar jew esklużjoni soċjali, ir-rata ta' privazzjoni materjali u soċjali tagħhom u l-ispariġġ tal-faqar għat-tfal (għalkemm ġew osservati wkoll żidiet fl-ispariġġ tal-faqar f'seba' Stati Membri);
- **is-sitwazzjoni għaż-żgħażagħ tjiebet ukoll**, bi tnaqqis fir-rata tan-NEETs<sup>1</sup> u tnaqqis f'dawk li jtilqu kmieni mill-iskola f'terz ta' pajjiżi;
- **kompli jkun hemm żidiet fir-rata ta' impjeg ta' ħaddiema akbar fl-età** f'żewġ terzi tal-Istati Membri, li jirriflettu titjib fis-suq tax-xogħol fl-2021;
- **titjib fis-sitwazzjoni tal-faqar u tal-introjtu relattiv tal-persuni akbar fl-età** (ta' 65 sena jew aktar), bi tnaqqis fir-rata tagħhom ta' riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali fi kważi nofs il-pajjiżi.

---

<sup>1</sup> Dawk barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ.

6. **Madankollu, kien hemm xi oqsma li għandhom jiġu ssorveljati fir-rigward tal-iżviluppi fl-2021, li huma:**
- żidiet fir-rata tal-**qgħad fit-tul** fi kważi terz tal-Istati Membri;
  - żidiet fis-**sehem tal-popolazzjoni li tgħix f'unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg** f'terz tal-Istati Membri;
  - żviluppi mħallta fir-rigward tal-**inugwaljanzi fl-introjt**, bi tnaqqis f'terz tal-Istati Membri iżda żidiet f'għadd simili ta' Stati Membri.
7. **Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, flimkien mal-miri ewlenin tal-UE fl-oqsma tal-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar u l-esklużjoni soċjali, inklużi fil-pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Pilastru, jistabbilixxi l-qafas meħtieġ għal azzjonijiet fil-livelli tal-UE u tal-Istati Membri.** L-impenji tal-Istati Membri, ippreżentati lill-ministri tal-UE għall-impjiegi u l-affarijiet soċjali f'Ġunju 2022, jammontaw għal jew saħansitra jaqbżu l-miri ewlenin tal-UE. Peress li l-miri huma interdendenti u jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku, għandhom jittieħdu azzjonijiet ta' politika koerenti fl-oqsma ta' politika kollha. Fir-rigward tal-mira ta' tnaqqis tal-faqar, fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri l-għadd ta' persuni friskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali baqa' kostanti jew naqas meta mqabbel mal-2019.
8. **Fl-ambjent volatili attwali, l-UE u l-Istati Membri għandhom ikomplu jużaw miżuri ta' politika mmirati u effiċjenti biex isaħħu l-inklużjoni soċjali u l-protezzjoni soċjali u jnaqqsu r-riskji għall-unitajiet domestiċi u l-individwi vulnerabbli.** Il-miżuri lil hinn mill-qasam tal-politika soċjali għandhom jikkontribwixxu wkoll biex tittejjeb is-sitwazzjoni soċjali fl-Unjoni kollha. Jeħtieġ li r-riformi kollha, inkluż dawk li jindirizzaw it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, iqisu t-tħassib soċjali u marbut mal-impjiegi. Użu akbar ta' valutazzjonijiet tal-impatti distributtivi jista' jgħin fil-prevenzjoni ta' effetti soċjali negattivi.

9. **Huwa meħtieġ aktar tisħiħ tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali biex tizzied ir-reżiljenza tagħhom u jkunu jistgħu jifilħu għall-isfidi attwali u futuri.** Il-proċess ta' modernizzazzjoni, li ilu għaddej f'ħafna Stati Membri, jeħtieġ li jkompli bl-implimentazzjoni tal-prinċipji ta' inklużjoni attiva, b'enfasi fuq appoġġ adegwat għall-introjtu, appoġġ għall-integrazzjoni soċjali u l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, flimkien mal-provvista ta' servizzi affordabbli u ta' kwalità. L-iżgurar ta' kopertura minn sistemi ta' protezzjoni soċjali għal ħaddiema mhux standard u għal dawk li jaħdmu għal rashom għandu jibqa' prijorità. Huma meħtieġa politiki effiċjenti biex tiġi indirizzata l-kwistjoni tan-nuqqas ta' teħid ta' benefiċċji, b'aktar simplifikazzjonijiet tal-proċessi u integrazzjoni fl-għoti ta' benefiċċji u trasparenza mtejba tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali, appoġġati mit-teknoloġiji diġitali.
10. **Fid-dawl tal-impatt soċjali u ekonomiku tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, it-tisħiħ tax-xbieki ta' sikurezza soċjali eżistenti, kif ukoll l-isforzi mmirati biex jiġu appoġġati dawk l-aktar vulnerabbli jeħtieġ li jitkomplew.** Il-miżuri biex jittaffa l-impatt ekonomiku taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija, b'mod partikolari għall-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx, l-isforzi biex tiġi miġġielda l-problema dejjem akbar ta' persuni mingħajr dar u l-esklużjoni mill-akkomodazzjoni, l-appoġġ għall-familji u t-tfal vulnerabbli, kif ukoll l-appoġġ kontinwu lir-refuġjati Ukreni biex jaċċessaw is-servizzi essenzjali u s-suq tax-xogħol għandhom jibqgħu kunsiderazzjonijiet ta' prijorità fil-livell tal-UE u dak nazzjonali.

11. **Fil-kuntest ta' soċjetà li qed tixjeh, u ekonomija u swieq tax-xogħol li qed jinbidlu, għandhom ikompli jsiru sforzi biex jiġu żgurati kemm l-adeqwatezza kif ukoll is-sostenibbiltà tas-sistemi tal-pensjonijiet.** L-azzjonijiet biex jiġu aġġustati l-età tal-pensjoni jew ir-rekwiżiti tal-karriera, il-benefiċċji jew ir-rati ta' akkumulazzjoni biex jirriflettu l-evoluzzjoni tal-istennija tal-għomor għandhom jiġu kkomplementati bi strateġiji ta' tixjiħ attiv u għażliet ta' xogħol flessibbli, inkluż il-possibbiltà li l-pensjonijiet jiġu kkombinati mal-introjt mix-xogħol, u għandhom jiżguraw trattament ġust ta' ħaddiema b'karrieri twal li daħlu fis-suq tax-xogħol kmieni. Il-politiki għandhom jiffaċilitaw ukoll l-aċċess għas-sistemi tal-pensjoni għall-persuni f'forom differenti ta' impjeg mhux standard u għal dawk li jaħdmu għal rashom. L-indirizzar tad-differenza persistenti bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet ser jirrikjedi parteċipazzjoni akbar u aħjar tan-nisa fis-suq tax-xogħol, permezz ta' sforzi biex tiġi indirizzata d-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi, politiki ta' appoġġ għal persuni b'responsabbiltajiet ta' kura — inkluż aċċess għal kura ta' kwalità għolja u affordabbli, miżuri ta' trobbija ugwali biex tiġi ffaċilitat id-dħul mill-ġdid fil-forza tax-xogħol wara interruzzjoni fil-karriera, kif ukoll krediti ta' kura jew mekkaniżmi oħra, ipprovduti biex jikkompensaw lil dawk li jindukraw (l-aktar nisa) għaż-żmien li jqattgħu barra minn xogħol imħallas biex jieħdu ħsieb membri tal-familja.
12. **Il-pandemija tal-COVID-19 enfasizzat il-ħtieġa li tissaħħaħ il-kapaċità tas-sistemi nazzjonali tal-kura tas-saħħa biex jittejjbu l-eżiti tas-saħħa tal-popolazzjoni u biex ikun hemm rispons aħjar għal avvenimenti futuri ta' kriżi.** Għal dak l-għan, integrazzjoni u koordinazzjoni aktar b'saħħithom bejn is-setturi tas-saħħa u dawk soċjali jibqgħu essenzjali. L-orjentazzjoni mill-ġdid tal-għoti tas-servizzi lil hinn mill-isptarijiet lejn il-kura primarja tibqa' prijorità ewlenija, inkluż permezz ta' investimenti f'unitajiet ġodda tal-kura tas-saħħa primarja, żieda fl-użu ta' soluzzjonijiet tas-saħħa elettronika u enfasi mġedda fuq il-prevenzjoni tal-mard u l-promozzjoni tas-saħħa. Il-kapaċità tal-forza tax-xogħol medika għandha tissaħħaħ, inkluż permezz ta' aktar opportunitajiet ta' taħriġ u miżuri ta' appoġġ biex tittejjeb l-attrazzjoni tal-professjoni medika. Biex tiġi indirizzata d-distribuzzjoni inugwali tal-professionisti mediċi u biex tiġi żgurata l-ekwità fir-regġuni kollha, huma meħtieġa l-allinjament tal-inċentivi fil-livelli reġjonali u subreġjonali, kif ukoll oqfsa nazzjonali għall-valutazzjoni tal-kwalità.

13. **Huwa meħtieġ l-iżgurar tal-aċċess għal kura fit-tul adegwata, affordabbli u ta' kwalità fid-dawl tal-popolazzjoni li qed tixjieħ fl-UE<sup>2</sup>.** Jeħtieġ li tittiejjeb l-adeqwatezza tal-protezzjoni soċjali għall-kura fit-tul, sabiex il-kura fit-tul tkun f'waqtha, komprensiva u affordabbli għal dawk li jeħtiġuha. Id-disponibbiltà tal-kura fit-tul għandha tiġi żgurata fl-ambjenti kollha, inkluż bl-iżvilupp u/jew it-titjib tal-kura fid-djar u l-kura bbażata fil-komunità u b'attenzjoni partikolari biex jiġu indirizzati d-differenzi bejn reġjuni differenti. Għandhom jiġu żgurati kriterji u standards ta' kwalità għolja fl-ambjenti kollha tal-kura fit-tul u għandha tissaħħaħ l-assigurazzjoni tal-kwalità, biex jiġu indirizzati d-dgħufijiet strutturali eżistenti fl-għoti tal-kura, bi tweġiba wkoll għad-diversità dejjem akbar tas-servizzi tal-kura, tal-ambjenti tal-kura u tal-preferenzi tal-utenti tal-kura. Huma meħtieġa approċċi ċċentrati fuq il-persuna u għoti integrat ta' servizzi, flimkien ma' miżuri preventivi u appoġġ għal għajxien indipendenti fl-ambjenti kollha tal-kura. Il-ħtiġijiet tal-ħiliet u n-nuqqas ta' ħaddiema għandhom jiġu indirizzati, inkluż billi jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti. L-isforzi biex jissaħħaħ il-forniment ta' kura formali ta' kwalità għolja, għandhom ikunu akkumpanjati minn miżuri li jipprovdu appoġġ għall-persuni li jindukraw b'mod informali, inkluż permezz ta' taħriġ, konsulenza, appoġġ psikoloġiku, kura ta' solliev, appoġġ għall-bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u r-responsabbiltajiet ta' indurkar u appoġġ finanzjarju.
14. **Fil-kuntest usa' tal-kura, huma meħtieġa wkoll miżuri biex jittejjbu d-disponibbiltà, il-kwalità u l-affordabbiltà tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal** biex jiġi appoġġat l-iżvilupp tal-benesseri, il-ħiliet u l-kompetenzi tat-tfal, titkisser it-trażmissjoni interġenerazzjonali tal-faqar, u tiġi appoġġata l-parteciġazzjoni tal-ġenituri fis-suq tax-xogħol.
15. **L-isforzi biex jittejjbu l-kopertura u l-adeqwatezza tal-protezzjoni soċjali, il-pensjonijiet, u s-sistemi tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul għandhom jiġu kkomplementati b'riflessjonijiet dwar kif għandhom jiġu ffinanzjati dawk is-sistemi, peress li l-adeqwatezza u s-sostenibbiltà jimxu id f'id.** Filwaqt li l-bilanċ bejn id-diversi sorsi ta' finanzjament jibqa' speċifiku għal kull Stat Membru, ikun utli li jitkomplew id-diskussjonijiet dwar sorsi ġodda u alternattivi ta' finanzjament. L-Istati Membri għandhom ikomplu jużaw il-fondi eżistenti tal-UE, b'mod partikolari l-FSE+ u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, biex jappoġġaw l-isforzi ta' riforma tagħhom.

---

<sup>2</sup> Mingħajr preġudizzju għan-negozjati li għaddejjin dwar ir-*Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja* (COM (2022) 441)

16. **Is-Semestru Ewropew għadu għodda ta' koordinazzjoni effettiva** biex jitrawmu tkabbir ekonomiku sostenibbli u inklużiv, kompetittività, impjiegi, u protezzjoni soċjali u inklużjoni soċjali adegwati. Peress li ħafna mill-miżuri ta' riforma meħuda mill-Istati Membri huma parti mill-pjanijiet nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza, jibqa' essenzjali li l-Kunsill EPSCO u l-korpi konsultattivi tiegħu jinżammu involuti mill-qrib fil-monitoraġġ li għaddej tal-implimentazzjoni ta' dawn il-pjanijiet.
17. Biex tissaħħaħ l-Ewropa Soċjali u tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kompetenzi rispettivi, **għandu jinżamm djalogu kostruttiv bejn l-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri, is-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.**
18. Il-Kummissjoni Ewropea mistiedna tqis il-gwida ta' politika ta' hawn fuq fil-ħidma ta' tħejjija tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli tal-2023.